MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 517/2002/1

**Melita Cable p. l. c.**

**vs**

**Central Asphalt Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta’ Frar 2004 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta’ attrici fit-28 ta’ Awissu, 2002 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ erbat elef u sbatax-il lira Maltin (Lm4,017) jew somma ohra verjuri li tillikwida dina l-Onorabbli Qorti rapprezentanti ammont dovut ghall-materjal u manodopera nvoluta sabiex tigi riparata l-hsara

kkawzata mis-socjeta' konvenuta fuq cables appartenenti lis-socjeta' attrici sitwati fi Triq Hal Gharghur kantuniera ma' Triq San Pawl, Naxxar fid-9 ta' Jannar 2001 u dan minhabba li naqset li tesegwixxi bi prudenza u ghaqal jew naqset tivverifika x'cables kienu ghaddejjin taht l-art tal-lokalita' fejn kienet qed tesegwixxi x-xogholijiet ta' thaffir.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-avviz u ta' l-ittra ufficjali datata 3 ta' Lulju, 2002 u bl-interessi legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi:

1. Preliminarjament illi hija mhix il-legittimu kontradittur stante illi kellha titharrek is-socjeta' Roads Group Limited.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju illi s-socjeta' konvenuta mhux minnu illi agixxiet b'xi nuqqas ta' prudenza jew ghaqal u wisq anqas illi naqset illi tivverifika x'cables kienu ghaddejjin minn taht l-art, izda fil-fatt il-cables ma kienux ghaddejjin skond is-sinjali maghmula jew skond il-prattika normali, u ghalhekk ma ghandu qatt ikun dikjarat illi hija responsabbli ghal xi hsarat li setghu gew ikkawzati, kollox kif jigi ppruvat ahjar fil-kors tal-kawza.

3. Fit-tielet lok illi l-ammont riklamat huwa esagerat u mhux gustifikat.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fid-9 ta' Jannar, 2001 is-socjeta' konvenuta kienet qed tahdem trinka fi Triq Hal Gharghur kantuniera ma' Triq San Pawl in-Naxxar. Din it-trinka kienet qieghda ssir

b'*mechanical excavator* maghruf bhala *mini himack*. Hin minnhom intlaqat cable tas-socjeta' attrici u gew ikkawzati danni fl-ammont ta' erbat elef u sbatax-il lira Maltin (Lm4,017). Filwaqt li mhuwiex kontestat illi kienet is-socjeta' konvenuta illi ghamlet dan ix-xoghol, qajjmet diversi eccezzjonijiet fosthom dik illi ma kienetx il-legittimu kontradittur u t-tieni li wzat id-diligenza kollha biex ma jigix ikkawzat hsarat, illi ma kienx tort taghha illi dan gara.

Il-Qorti ghalhekk trid tghaddi biex tikkonsidra dawn l-eccezzjonijiet bl-ewwel wahda dik li s-socjeta' konvenuta mhix il-legittimu kontradittur.

Ikkunsidrat:

Din l-eccezzjoni hija bazata fuq l-applikazzjoni tal-permess li kopja taghha tinsab esebita a fol 23. Il-permess inghata lir-Roads Group li s-socjeta' konvenuta tifforma parti minnha. Fl-istess applikazzjoni pero' hdejn l-isem ta' l-applikant hemm parentesi fejn inghad illi x-xoghol ser ikun *sub contracted* lil Central Asphalt. Dan ukoll jidher ri-prodott fil-permess illi nghata mis-socjeta' attrici a fol 30. Ghalhekk is-socjeta' Central Asphalt dejjem iffigurat fl-applikazzjonijiet u l-permessi necessarji sabiex isiru x-xogholijiet. Kienu wkoll ir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta illi ftehmu mar-rapprezentanti tal-Maltacom u l-Melita Cable sabiex jigi markat il-cable b'sinjali fuq l-art. Ghalhekk minkejja li Roads Group tidher li ghamlet l-applikazzjonijiet, dana dejjem sar ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' konvenuta illi mall-ewwel kienet tidher illi ser tkun kuntrattata biex taghmel ix-xoghol. Ghalhekk jidher li r-relazzjoni bejn il-partijiet tohrog *"ex contructu"* anke tramite l-konsegwenzi tal-permess moghti mis-socjeta' attrici liema permess jinsab a fol 30. Barra minnhekk il-Qorti jidhrilha illi hemm ukoll relazzjoni *"ex delictio"* peress illi kienet is-socjeta' konvenuta illi ghamlet il-hsara u ghalhekk dahlet f'relazzjoni diretta apparti dak *"ex contractu"* mas-socjeta' attrici li kellha d-dritt kwezit li tfittex lis-socjeta' konvenuta. Ghalhekk il-Qorti ma jidhrilhiex li l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ghandha xi fondament u filwaqt illi tichadha, tghaddi biex tikkonsidra l-meritu.

Ikkunsidrat:

Kif gia nghad, mhux kontestat li kienet is-socjeta' konvenuta li kienet qed twettaq ix-xogholijiet u kien haddiem minn taghha illi ghamel il-hsara bl-uzu ta' *mini excavator* peress illi ma qaghadx attent bizzejjed ghal konkos illi kien hemm ezatt fuq il-cables kemm dawk li kienu proprjeta' tas-socjeta' attrici u dawk tas-socjeta' Maltacom. Is-socjeta' konvenuta bbazat id-difiza taghha principalment fuq il-fatt illi l-marki illi saru mis-socjeta' Maltacom bl-assistenza tal-Melita Cable ma kienux verament jirrispettaw il-posizzjoni tal-cables taht l-art. Gie pprezentat ukoll certifikat ta' perit illi b'certa teknika wera illi l-cable ntlaqat f'post fejn ma kienx immarkat. Hu xhin hu, rrizulta mill-atti pero' illi waqt li kien qed isir it-thaffir l-operatur gie fuq xi saff tal-konkos u minkejja dan baqa' jhaffer xorta wahda u saru l-hsarat.

John Cauchi foreman mas-socjeta' konvenuta a fol 38 ighid testwalment: "nafu illi meta nkunu qeghdin inhaffru trinka u naslu ghal konkos, irridu nuzaw *hand tools* u mhux makkinarju tqil. Dak il-hin konna qeghdin nuzaw *mini excavator* …… Avolja l-cable kien mghotti bil-konkos, ahna ma konniex nafu li kien hemm il-cable tahtu. Ghalhekk l-*excavator* baqa' niezel."

Victor Busuttil *senior technical officer* mal-Maltacom a fol 19 jikkonferma illi t-trinka kienet qieghda ssir b'excavator u meta kellem lill-operatur, sab illi dana kien guvnott li ma tantx kellu esperjenza f'dan it-tip ta' xoghol. L-operator qallu illi ma kienx jaf li kellu jieqaf meta jsib il-konkos u beda jhaffer ezatt fuq il-marki ghax haseb li dak kien is-sinjal fejn kellu jtaqqab.

Il-kwistjoni kollha ta' din il-kawza ddur fuq il-permess maghruf *"conditions for granting of excavation permits to contractors"* illi kopja tieghu tinsab esebita a fol 25 tal-process. Fost il-kondizzjonijiet ta' dan id-dokument insibu dak numru 3 li jghid fost affarijiet ohra "….*in this respect the contractor has the full responsibility to use the appropriate excavating equipment which does not cause*

*any damage to their infrastructure. Hand tools are recommended for such work."* Is-socjeta' konvenuta targumenta li l-uzu ta' *mini excavator* jinkwadra fid-definizzjoni ta' *appropriate excavating equipment* fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Filwaqt li din il-Qorti lesta tirrikonoxxi li *mini excavator* ma jaqax taht id-definizzjoni ta' *heavy equipment*, lanqas ma jaqa' taht id-definizzjoni ta' *hand tool* u l-fatt illi giet ikkawzata l-hsara bl-uzu ta' dak il-makkinarju, jidher illi dana ma kienx *appropriate excavating equipment* ghal dak it-tip ta' xoghol. Ma hemmx dubbju illi hekk kif indunaw li hemm il-konkos, is-socjeta' konvenuta messha waqfet mix-xogholijiet u kompliet thaffer bl-idejn, kif rrakkomanda l-istess kondizzjonijiet. Minkejja illi hija biss rakkomandazzjoni, hija gwida tajba ghal min ikun qed jaghmel trinka biex joqghod ferm attent meta jsib dan it-tip ta' ostakolu.

Ix-xhieda ta' John Cauchi l-foreman tas-socjeta' konvenuta hija ndikazzjoni ta' negligenza u traskuragni da' parti ta' l-istess socjeta' meta fost affarijiet ohra jghid *"allavolja l-cable kien mghotti bil-konkos, ahna ma konniex nafu li kien hemm cable tahtu u ghalhekk l-excavator baqa' niezel."* Il-Qorti hija tal-fehma illi l-konkos ma kienx qieghed hemmhekk ghal xejn u min hu tal-mistier setgha jissoponi li tahtu kien hemm xi haga. Ma dan kollu ma jidhirx illi kien jimpurtah wisq u x-xogholijiet baqghu ghaddejjin bhal li kieku ma kien hemm xejn, meta kien f'posizzjoni li jevita' din il-hsara b'daqsxejn prudenza billi jevita' milli jkompli jhaffer darba nstab il-konkos.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' konvenuta kienet negligenti u traskurata fl-operat taghha, fejn minkejja illi kellha l-indikazzjonijiet kollha illi setgha kien hemm cable, l-operatur tas-socjeta' konvenuta bi traskuragni baqa' ghaddej xorta wahda bhal li kieku ma kien hemm xejn.

Ir-responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta ghalhekk hija naxxenti kemm mill-ksur tal-kondizzjonijiet tax-xoghol kif maghmula fid-dokument a fol 25 meta uzaw apparat li ma kienx *"appropriate excavating equipment"* u kemm ghax

ma uzawx il-prudenza kollha meta sabu l-konkos u baqghu jhaffru xorta wahda u kkawzaw il-hsarat. Il-kwistjoni tal-marki hija wahda ncidentali u ma taffettwax ir-responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta. Ghalhekk il-Qorti mhix sejra tidhol f'din il-kwistjoni u tindaga jekk fil-fatt il-marki sarux fuq il-cable jew le, peress illi r-responsabbilta' hija naxxenti minn agir iehor ta' l-istess socjeta' konvenuta, liema agir kien kolpuz fil-konfront tas-socjeta' attrici.

Ghal dawk illi huma d-danni, gie esebit prospett a fol 33 tal-process li ma giex kontestat. Il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' Simon Montanaro li huwa Head of Networks Operations tal-Melita Cable a fol 29 fejn ighid illi *fibre optic cable* jiswa hafna flus u t-tiswija tieghu tiswa aktar ghaliex trid makkinarju specjalizzat u procedura delikata illi tiehu hafna hin sabiex it-tiswija ssir skond l-arti u s-sengha. Ghalhekk il-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala ghandha tiddubita mill-ammont reklamat.

Ghal dawn ir-ragunijiet,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' erbat elef u sbatax-il lira Maltin (Lm4,017) rapprezentanti ammont dovut ghall-materjal u manodopera nvoluta sabiex tigi riparata l-hsara kkawzata mis-socjeta' konvenuta fuq cables appartenenti lis-socjeta' attrici sitwati fi Triq Hal Gharghur kantuniera ma' Triq San Pawl, Naxxar fid-9 ta' Jannar 2001 u dana l-ghaliex is-socjeta' konvenuta naqset li tesegwixxi bi prudenza u ghaqal ix-xogholijiet inkarigati lilha.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz, kontra s-socjeta' konvenuta."

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza b' sensiela ta' kummenti incidenti fuq l-apprezzament ta' fatt maghmul mill-ewwel Qorti. Hekk hi tikkritika l-

motivazzjoni tas-sentenza appellata fuq il-bazi ta' dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) L-ewwel Qorti ma setghet qatt tiskarta l-fatt illi l-*cable* milqut kien il-boghod mill-marki maghmula;

(2) Il-permess ma kienx jirrikjedi illi ghandhom tassattivament jintuzaw *hand tools* izda jissuggerixxi dawn merament bhala rakkomandazzjoni;

(3) Gjaladarba l-*cables* kienu immarkati 2.5 metri l-boghod ma setax jitbassar li taht il-konkos kien hemm il-*cables*;

(4) Jekk ghall-grazzja ta' l-argument hi agixxiet b' mod kolpuz seta' kien hemm htija kontributorja minn min immarka l-*cables* billi dan il-fatt zvija lill-kuntrattur;

Hija regola dottrinali konfermata mill-gurisprudenza illi f' kazijiet ta' din ix-xorta li jrid jigi ricekat huwa dak maghruf bhala "*nesso di causalita` di fatto*", ossija r-relazzjoni li tikkollega l-kondotta tal-persuna allegatament responsabbli ma' l-event dannuz. Fi kliem iehor il-gudikant jenhtieglu jindividwa l-obbligu pozittiv tal-kondotta li l-inosservanza taghha tkun iddeterminat, fuq il-bazi tal-gudizzju tal-kawzalita`, l-event li wassal ghad-dannu;

Fl-isfond tar-rizultanzi istruttorji l-ewwel Qorti sabet li kien hemm traskuragni u negligenza da parti tas-socjeta` appellanti fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet ta' skavar subappaltati lilha. Dan fuq il-motiv illi l-istess socjeta` appellanti ommettiet li tiehu l-kawteli necessarji meta fil-kors ta' l-ittrinkar irriskontrat il-konkos, u dippju naqset milli taghmel uzu minn mezzi idonei meta skopriet dan il-konkos. Anke jekk mhux espressament specifikat fis-sentenza appellata din il-konkluzjoni tinkwadra ruhha certament fl-ambitu ta' l-Artikoli 1031 u 1033 tal-Kodici Civili, ghax kif josserva **Giorgi** (Obbligaz. Vol. IV para. 151) "*quando si parla di colpa per ommissione, si deve intendere la trasgressione di un dovere, per il quale taluno era in obbligo di fare quello che non fece, giusta l' aforisma 'qui non facit quod facere debet videtur, facere adversus ea quae non fecit'.*";

Dan premess, is-socjeta` appellanti mhijiex qed tiddisputa l-fatt illi hi kienet l-agent materjali tad-dannu. Invece, hi tissottometti b' kontestazzjoni illi n-ness ta' kawzalita` ma kellux ikun attribwibbli ghal xi att jew ommissjoni kolpuza taghha izda ghal kondotta ta' l-istess socjeta` attrici li naqset milli taghmel immarkar adegwat. Issostni ghalhekk li dan il-fatt kellu jitqies bhala l-kawza unika u esklussiva ta' l-event dannuz, u ghalkemm hi kienet l-awtur materjali ta' l-istess event dannuz xorta wahda ma kellhiex ghalhekk tigi addebitata bi htija. F' kull kaz, tikkontendi wkoll, illi se mai, in pessima ipotesi, kien hemm il-kolpa kontributorja tas-socjeta` attrici appellata;

Fuq ir-riezami taghha tal-provi dina l-Qorti ssib li ma tistax taccetta din it-tezi tas-socjeta` appellanti u, anzi, fil-hsieb taghha, l-uniku fatt generatur tad-dannu kawzat kien il-komportament imprudenti ta' l-istess socjeta` appellanti fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet. Dan proprju ghaliex l-istess socjeta` appellanti naqset milli tadotta dawk il-mizuri kawtelattivi fis-sitwazzjoni li kienet fiha;

Ibda biex, din il-Qorti ma tiddubitax mill-verita` tas-sustanza tad-dikjarazzjoni tax-xhud Victor Busuttil, *senior technical officer* mal-Maltacom, li tenna li minhabba l-fatt li l-*fibre optic cable* jiswa hafna flus qaghdu ferm attenti biex l-immarkar isir bi precizjoni (fol. 21). Lanqas ma tiddubita mir-rakkont tieghu illi l-iskavar kien qed isir ezatt fuq dawn il-marki (fol. 22) u li l-operatur baqa' jhaffer b' makkinarju inadattat meta sab il-konkos (fol. 21);

Aparti dan, din il-Qorti ssib konfort ukoll minn cirkostanzi ohra ta' fatt li jsahhu l-konvinzjoni li s-socjeta` appellanti ma ezegwietx kif suppost ix-xoghlijiet lilha koncessi;

(1) John Cauchi, *foreman* tas-socjeta` konvenuta, filwaqt li jghid li huma zammew id-distanza suggerita fuq kull naha tal-marki, jaccetta illi meta jsibu l-konkos dan kien indikattiv illi tahtu ghaddejjin il-*cables*. Cionostante,

anke meta nstab il-konkos, huma ssoktaw jiskavaw permezz ta' *mini excavator* ghax fi kliemu "ahna ma konniex nafu li kien hemm il-*cable* tahtu" (fol. 40). Il-Qorti tinnota minn xhieda ohra, senjatament dik tal-precitat Victor Busuttil, illi s-socjeta` appellanti kienet familjari ma' xoghol ta' din in-natura, taf il-procedura u anke l-kondizzjonijiet tal-permess. Senjatament, dik li "*hand tools are recommended for such work*";

(2) Ta' min jirrileva wkoll illi din ix-xhieda tikkozza ma' dik ta' Francis Debattista, *foreman* iehor tas-socjeta` konvenuta, li stqarr li huma komplew ihaffru bil-"*baby hymac*" ghax ma kienx hemm "sinjali jew sintomi ta' konkos" (fol. 49). Evidentement din id-diskordanza fix-xhieda ta' l-istess socjeta` appellanti tkompli taghmilha logikament cara illi, kif ragunat mill-ewwel Qorti, "l-operatur tas-socjeta` konvenuta bi traskuragni baqa' ghaddej xorta wahda bhal li kieku ma kien hemm xejn";

(3) Ghalkemm tishaq bosta li kienet qed issegwi l-istruzzjonijiet moghtija fis-sens illi zammet id-distanza mehtiega mill-marki, eppure teknikament dan ma giex accertat in kwantu, skond il-Perit Pierre Zammit, imqabbad mis-socjeta` konvenuta ghal skop ta' rapport dwar l-incident, *ex admissis* jistqarr illi hu ma kkalkolax din id-distanza (fol. 42). Sempliciment illimita ruhu biex jghid li hu cert li l-*cable* milqut kien 3 metri l-boghod mill-marki ndikati. Ghalkemm din il-Qorti ma tiddubitax milli-kapacita` professjonali ta' l-imsemmi arkitett, ma tistax toqghod b' affidament fuq din ic-certezza tieghu meta ghal kuntrarju tezisti l-istqarrija konfessata ta' John Cauchi illi "ahna zammejna distanza ta' 0.6 metri fuq kull naha tal-linji illi sarulna fit-triq". Mhux indikattiv allura illi l-*cable* kien 3 metri l-boghod mill-marki stabbiliti;

In vista tal-premessi riflessjonijiet, b' aggunta mal-motivazzjoni ta' l-ewwel Qorti, din il-Qorti hi tal-fehma li ma gie sottomess lilha l-ebda gravam serju li kapaci jiskossa il-konvinciment taghha illi s-socjeta` appellanti naqset milli doverosament tesegwixxi x-xoghlijiet fil-harsien shih tal-kondizzjonijiet prefissi fid-dokument a fol.

25 u fit-tutela tal-proprjeta` tas-socjeta` appellata. Kif saput f' materja civili huwa bizzejjed li l-konvinzjoni tal-gudikant tkun fondata fuq "preponderanza ta' probabilita` bazata fuq xhieda imma anke fuq inferenzi li naturalment u probabilment johorgu minnhom." ("**Harvey -vs- Attard**", Appell Civili, 11 ta' Gunju 1968).

Ghall-motivi kollha fuq prodotti din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez anke ta' din l-istanza jitbatew mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------